MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tal-25 ta' April, 2014

Talba Numru. 100/2013

**GO plc**
**C22334**

**vs**

**Phone Direct Limited**
**C27107**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija, u hamsa u disghin ewro u ghoxrin centezmi (€995.20c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru A/C 40003447 moghtija mis-socjeta' attrici u dan kid ser jigi 'ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza u skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok.IZY-1 u Dok.IZY-2 prospett u applikazzjoni ghas-servizz relattiv; Dok.IZY-3 – estratt mir-Registru tal-

Kumpaniji, u Dok.IZY-4 – kopja ta’ ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi s-socjeta’ konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta’ konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehert rapprezentant taghha ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li r-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disa’ mija, hamsa u disghin ewro u ghoxrin centezmu (€995.20c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------